



Lussemburgu, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11339/24

DEVGEN 92
ACP 73
RELEX 858
FIN 583
OCDE 6
SUSTDEV 72

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11110/24
Suġġett:	Ir-Rapport Annwali 2024 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Ġunju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp - Rapport Annwali 2024 lill-Kunsill Ewropew, kif approvati mill-Kunsill fl-4038 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

Ir-Rapport Annwali 2024 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill ifassal rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri b'rabta mal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u l-għoti tagħha¹. Dan huwa t-13-il rapport annwali ta' dan it-tip lill-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tax-xejriet fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA, abbażi tad-data tal-ODA tal-2022 u l-informazzjoni preliminari dwar l-ODA tal-2023 mill-OECD-DAC, li tikkonferma li **l-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Illustrazzjoni 1). L-UE u l-Istati Membri tagħha jgħoddu 42 % tal-ODA globali fl-2022 u l-2023², u kkonfermaw it-tmexxija tagħhom tal-aġenda globali għall-iżvilupp sostenibbli**. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda sostanzjali fl-ODA kollettiva tal-UE fl-2022 meta mqabbla mal-2021, u żieda ulterjuri fl-2023³. Madankollu, il-Kunsill jisħaq fuq l-urġenza li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu azzjoni addizzjonali biex jiksbu l-miri individwali kif ukoll l-impenji kollettivi tal-UE li sal-2030 jipprovdu 0.70 % tal-ING bħala ODA, u 0.20 % bħala ODA lil-LDCs.

¹ Ara l-Anness għall-impenji fir-rigward tal-ODA.

² L-ODA globali hawnhekk hija ddefinita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-kollektiv tal-UE u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) u dawk mhux tad-DAC li jirrapportaw lura lill-OECD.

³ L-ODA żdiedet minn EUR 71.6 biljun fl-2021 għal EUR 93.3 biljun fl-2022 u EUR 95.9 biljun fl-2023. Meta wieħed iħares lejn l-ODA kollettiva tal-UE bħala sehem tal-ING, nistgħu naraw żieda minn 0.49 % fl-2021 għal 0.59 % fl-2022, segwita minn tnaqqis għal 0.57 % fl-2023, li għadu ferm ogħla miċ-ċifra għall-2021.

2. Il-Kunsill jagħraf iċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi li qed jevolvu malajr li fihom ġew allokati l-ODA tal-2022 u l-2023. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-impenn tal-UE li tappoġġa lill-Ukrajna, inkluż permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna adottata reċentement, huwa mingħajr preġudizzju għall-impenn u l-appoġġ tagħha għall-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Kunsill jenfasizza li l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna kkontribwiet biex tipperikola l-progress tal-Aġenda 2030, u jtenni l-impenn tiegħu li jtaffi l-konsegwenzi globali tal-aggressjoni Russa, li affettwaw b'mod notevoli bosta pajjiżi vulnerabbli, partikolarment fl-Afrika, kif ukoll li jiġġielel il-faqar madwar id-dinja, l-inugwaljanzi u l-insigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE saħħet l-appoġġ tagħha għas-sigurtà globali tal-ikel, b'mod partikolari permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna li kienu kruċjali biex jgħinu lill-Ukrajna fiċ-ċirkolazzjoni taċ-ċereali tagħha lejn is-swieq globali. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel taffettwa b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u tħalli konsegwenzi ulterjuri fuq il-likwidità, il-livelli tad-dejn u l-perspettiva makroekonomika tagħhom. Din ix-xejra aggravat l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 li għadhom jinħassu s'issa u l-impatt tal-kriżi planetarja tripla (it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis). Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024 fl-elementi kollha tagħhom rigward is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, u jirrikonoxxi li ser ikunu meħtieġa riżorsi sinifikanti biex jiġi appoġġat sforz internazzjonali kkoordinat għar-rikostruzzjoni ta' Gaża.
3. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn mill-UE u l-Istati Membri tagħha li jiksbu l-Aġenda 2030 u l-SDGs u l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tal-2015. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid⁴, il-Kunsill jikkonferma l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-prinċipji dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar estrem, it-tmiem tal-ġuħ u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet, l-indirizzar tal-inugwaljanzi u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura kif ukoll l-impenn kollettiv u individwali tagħhom dwar il-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż dwar l-ODA. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-impenji li saru għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe erożjoni tal-SDGs, jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jiġu appoġġati l-pajjiżi sħab fit-tranżizzjoni tagħhom lejn sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli b'eżiti nutrittivi mtejbja, u jafferma mill-ġdid l-importanza li mill-inqas 93 % tan-nefqa taħt l-NDICI-GE tkun rapportabbli bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).

⁴ [2017/C 210/01: Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni](#)

4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament globali għall-kisba tal-SDGs u li s-sorsi kollha ta' finanzjament jintrabtu mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 f'konformità mal-Patt ta' Pariġi għan-Nies u l-Pjaneta. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ewlieni tal-ODA fil-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-kapaċità tagħha ta' ingranaġġ għal sorsi pubbliċi u privati oħra ta' finanzjament, bħall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, il-finanzjament imħallat u l-investimenti privati sostenibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż biex jissaħħu l-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi sħab, u jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2021 dwar Għarfien Espert tas-Settur Pubbliku Ewropew fl-Azzjoni Esterna tal-UE.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-approċċ ta' Tim Ewropa u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa (TEIs) fiż-żieda fl-effettività tal-iżvilupp, filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2021 u Novembru 2023 dwar Tim Ewropa, u jissottolinja l-importanza li t-TEIs ikunu allinjati bis-siħ mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab.
6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-għan tal-Istrateġija Global Gateway tal-UE li tappoġġa r-reżiljenza u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab, kemm permezz ta' proġetti ta' infrastruttura materjali kif ukoll f'dik immaterjali fil-ħames oqsma ewlenin kollha tal-istrateġija, l-indirizzar ta' sfidi globali urġenti, il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-mobilizzazzjoni kemm ta' fondi pubbliċi kif ukoll privati biex jiżdied l-aċċess għal finanzjament sostenibbli. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u strumenti Ewropej oħra ta' investiment, li għandhom l-għan li jimmassimizzaw l-effett ta' ingranaġġ u l-impatt tal-iżvilupp, ser ikomplu jikkontribwixxu għall-kisba tal-Aġenda 2030.
7. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi ta' riforma li għaddejjin lejn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali aktar ambizzjużi, inklużivi, rappreżentattivi, effettivi u li jħallu impatt li huma mgħammra aħjar biex isolvu sfidi transfruntiera u jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fid-diskussjonijiet dwar ir-riforma tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp u, b'mod aktar ġenerali, fir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu impenjati għal riforniment ambizzjuż tal-IDA21. Il-Kunsill ser jibqa' impenjat ukoll għas-Summit tal-Futur u l-annessi tiegħu, id-Dikjarazzjoni tal-Ġenerazzjonijiet Futuri u l-Patt Diġitali Globali, kif ukoll għar-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp fi Spanja fl-2025.

8. Il-Kunsill jissottolinja l-iżvilupp tal-bniedem bħala element ċentrali fl-azzjoni esterna tal-UE u s-sħubijiet internazzjonali, inkluż is-saħħa, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, il-WASH, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi kollha, inkluż l-inugwaljanza bejn il-ġeneri⁵.
9. Il-Kunsill jenfasizza li l-ODA għandha tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kemm permezz tal-integrazzjoni kif ukoll permezz ta' azzjoni mmirata, inkluż bil-kisba tal-miri ta' NDICI-Ewropa Globali⁶. Dan huwa konformi mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP) III kif adottat mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea, u milqugħ permezz tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza, li jstipula li 85 % tal-azzjonijiet esterni għodda kollha ser jikkontribwixxu għal dan l-oġettiv sal-2025. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' approċċ trasformattiv li jindirizza l-għerq tad-disparità bejn il-ġeneri u jissottolinja li l-indirizzar tad-disparità bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjonijiet multipli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni li huma vulnerabbli jew emarġinati huma prijorità tal-UE fl-oqsma kollha ta' azzjoni. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-UE.
10. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija dwar il-klima, il-Kunsill jikkonferma l-impenn qawwi tal-UE li taħdem mill-qrib mas-sħab biex taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika globali ġusta u inklużiva u biex tappoġġa l-kapaċità ta' adattament tagħhom, issaħħaħ ir-reżiljenza u tnaqqas il-vulnerabbiltà tagħhom, inkluż, fost mezzi oħra, permezz tal-ġoti tal-ODA.

⁵ Dan huwa konformi mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 dwar it-tisħiħ tal-impenn ta' Tim Ewropa għall-iżvilupp tal-bniedem, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2021 dwar l-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2022 dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-Azzjoni Esterna, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2023 dwar it-tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Jannar 2024 dwar l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali.

⁶ Il-mira rilevanti ta' NDICI-Ewropa Globali tippredvi li mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet il-ġodda implimentati għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala oġettiv prinċipali jew sinifikanti u mill-inqas 5 % ta' daww l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala oġettiv prinċipali.

11. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar id-distakk dejjem jikber fl-iżvilupp tal-bniedem u l-progress irregolari fl-iżvilupp li qed iħalli lill-ifqar aktar lura⁷. Il-Kunsill jissottolinja li l-ODA globali tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-pajjiżi l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), il-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw (LLDCs) l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) kif ukoll il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew konflitt. F'konformità mal-konkluzzjonijiet tiegħu ta' Mejju 2022 dwar sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għal-LDCs u s-sħab l-aktar vulnerabbli tagħhom fl-appoġġ tar-reżiljenza tagħhom f'approċċ sensittiv għall-konflitti, billi jindirizza l-kawżi ewlenin tal-fraġilità, u l-ħidma permezz tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi.
12. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom l-akbar fornitur globali tal-ODA, inkluż għal-LDCs. Madankollu, il-Kunsill jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li, wara żieda żgħira fl-2021, l-ODA kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lil-LDCs naqset fl-2022⁸. L-ODA kollettiva tal-UE għal-LDCs ammontat għal EUR 16.3 biljun fl-2020, EUR 16.5 biljun fl-2021, u EUR 15.3 biljun fl-2022. Madankollu, il-Kunsill jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis żgħir fl-ODA kollettiva tal-UE għal-LDCs bħala sehem tal-ING, li naqas għal 0.10 % fl-2022, tnaqqis minn 0.11 % fl-2021 u 0.12 % fl-2017-2020. Il-Kunsill huwa dejjem aktar imħasseb dwar il-fatt li l-UE għadha ma laħqitx il-mira kollettiva tagħha li tipprovdi 0.15 % - 0.20 % tal-ING lil-LDCs fuq perjodu ta' żmien qasir, u jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jizziedu b'mod urġenti l-isforzi biex sal-2030 tintlaħaq il-mira li kollettivament jiġi pprovdut 0.20 % tal-ING bħala ODA lil-LDCs.
13. Il-Kunsill jagħraf ukoll l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiggradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. F'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi b'Introjtu Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi, il-beni pubbliċi globali u interessi kondiviżi oħrajn.

⁷ Sors: [UNDP HDR2024](#); illustrazzjoni S.2, p. 4; [IMF WEO April 2024](#), p. xiv; [WB GEP](#), Jan 2024, p. 17.

⁸ Ta' min jinnota li l-ODA totali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) għadha mhijiex magħrufa għall-2023, peress li l-kalkolu tagħha jiddependi ferm fuq l-"ammonti multilaterali imputati" rilevanti mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tal-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet multilaterali, u dawn l-imputazzjonijiet ġeneralment jiġu rilaxxati biss mill-OECD lejn l-aħħar tas-sena X+1. Barra minn hekk, l-element ta' "ODA reġjonali magħrufa li tibbenefika lil-LDCs", li huwa parti mill-kalkolu tal-ODA totali lil-LDCs mill-2020, ser isir disponibbli biss bħala parti mill-pubblikazzjoni tad-data tal-OECD lejn l-aħħar tas-sena X+1. Għalhekk, iċ-ċifri tal-2022 jirrappreżentaw l-aħħar data kompluta disponibbli f'dan il-mument.

14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva miftiehma fil-kuntest tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, kif ukoll għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli, bħala essenzjali biex jintlaħqu l-SDGs, inkluż billi jiġi indirizzat l-impatt tal-politiki interni tal-UE fuq il-pajjiżi sħab.
15. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:
- a. Fl-2023, l-ODA kollettiva tal-UE⁹,¹⁰ laqget EUR 95.9 biljun, żieda minn EUR 93.3 biljun fl-2022 u EUR 71.6 biljun¹¹ fl-2021. Din iż-żieda mill-2021 turi l-isforzi mġedda tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jipprovdu appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa.
 - b. L-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), b'kontribut li jammonta għal 42 % tal-ODA globali fl-2022 u l-2023¹², u kkonfermaw ir-rwol tagħhom ta' tmexxija fl-aġenda globali għall-iżvilupp sostenibbli.
 - c. L-ODA kollettiva tal-UE rrappreżentat 0.57 % tal-ING tal-UE fl-2023. Għalkemm it-tnaqqis huwa żgħir meta mqabbel mas-sehem ta' 0.59 % tal-ING tal-UE fl-2022, dan xorta għadu oġhla b'mod sinifikanti mis-sehem ta' 0.49 % fl-2021 u mill-aggregat tal-membri tad-DAC mhux tal-UE, li l-ODA tagħhom kienet ta' 0.31 % tal-ING fl-2023 (ara l-Illustrazzjoni 2).

⁹ L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-proporzjon tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri jew lil donaturi mhux tal-UE bħar-Renju Unit. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-ODA tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u s-self ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Kummissjoni mhumiex attribwiti lill-Istati Membri u huma addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.

¹⁰ Fuq bażi ta' ekwivalenti ta' għotja, li hija l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-valur tal-ODA ta' self konċessjonali, applikata għall-ewwel darba fl-2019 għad-data tal-2018 għal self mis-settur sovrani u self lil istituzzjonijiet multilaterali, li tibda mid-data tal-2020 ukoll għall-ħelsien mid-dejn u mid-data tal-2023 (b'perjodu ta' tranżizzjoni fakultattiv ta' sena) ukoll għal strumenti tas-settur privat (b'mod partikolari self, garanziji u ekwità). Għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija l-ġdida tal-ekwivalenti ta' għotja u l-metodoloġija tal-passat li tuża bażi ta' fluss ta' flus, ara hawn: [The modernisation of official development assistance \[Il-modernizzazzjoni tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp\] \(ODA\) - OECD](#)

¹¹ F'termini nominali. Ta' min jinnota li ċ-ċifri għall-2021 u l-2022 huma bbażati fuq id-data finali tal-OECD tal-2021 u l-2022, filwaqt li ċ-ċifra ta' EUR 95.9 biljun għall-2023 hija bbażata fuq id-data preliminari tal-OECD tal-2023 ippubblikata fir-rebbiegħa tal-2024.

¹² L-ODA globali hawnhekk hija ddefinita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-kollektiv tal-UE u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) u dawk mhux tad-DAC li jirrapportaw lura lill-OECD.

- d. Erba' Stati Membri tal-UE laħqu u qabżu l-limitu ta' 0.7 % ta' ODA/ING fl-2023 u tliet Stati Membri tal-UE laħquh jew qabżuh fl-2022 (ara l-Figura 3 u t-Tabella 1). Filwaqt li fl-2022 il-proporzjon ODA/ING żdied fi 19-il Stat Membru tal-UE, baqa' stabbli fi tlieta, u naqas f'ħames Stati Membri, iċ-ċifri tal-2023 juru li l-proporzjon ODA/ING żdied f'ħames Stati Membri, baqa' stabbli fi tlieta u naqas fi 19-il Stat Membru¹³.
16. Il-Kunsill jinnota li, wara żieda qawwiya fl-ispejjeż fuq ir-refuġjati fil-pajjiżi donaturi tal-Istati Membri tal-UE bejn l-2021 u l-2022 (minn EUR 4.9 biljun għal EUR 15.4 biljun), dawn l-ispejjeż fuq ir-refuġjati fil-pajjiżi donaturi naqsu għal EUR 14.8 biljun fl-2023. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-ODA netta bilaterali kollettiva tal-UE lill-Ukrajna kompliet tiżdied b'mod sinifikanti: minn EUR 1.4 biljun fl-2021 għal EUR 14.3 biljun fl-2022 u għal EUR 22.7 biljun fl-2023¹⁴.
17. Il-Kunsill jilqa' t-tnehid tal-Forum Internazzjonali dwar l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD). Filwaqt li jappoġġa r-rwol kruċjali tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-TOSSD bħala sors ta' data biex jitkejlu aħjar u biex jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tar-riżorsi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030¹⁵. Bħala sors ta' data għall-indikatur 17.3.1 tal-SDG¹⁶, it-TOSSD iġib trasparenza dwar il-finanzjament għall-SDGs, filwaqt li jkopri l-flussi uffiċjali u l-ammonti privati kollha mobilizzati biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli.
18. Il-Kunsill ser ikompli jimmonitorja l-progress u jirrapporta kull sena biex ikun hemm trasparenza u akkontabbiltà pubblika.

¹³ Il-kelma "stabbli" hawn tirreferi għall-proporzjonijiet ODA/ING li jkunu nbidlu b'inqas minn 0.01 punti perċentwali abbażi ta' ċifri preċiżi.

¹⁴ L-ODA netta bilaterali tal-Istati Membri lill-Ukrajna naqset b'EUR 371 miljun fl-2023, u l-ODA netta bilaterali tal-Istituzzjonijiet tal-UE lill-Ukrajna żdiedet b'EUR 8.9 biljun, b'mod partikolari minħabba self ta' assistenza makrofinanzjarja.

¹⁵ [TOSSD Visualisation Tool \(Għodda ta' Viżwalizzazzjoni tat-TOSSD\)](#).

¹⁶ Investiment dirett barrani (IDB), għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp u kooperazzjoni Nofsinhar- Nofsinhar bħala proporzjon tal-baġit domestiku totali.

Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA

(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))

L-UE (...) taferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq il-mira ta' 0.7 % ta' ODA/ING fil-perjodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriafermaw l-impenn tagħhom li jilhqgħu l-mira ta' 0.7 % tal-ODA/DNG, b'kont meħud ta' ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li daww li laħqu dik il-mira jimpennjaw lilhom infushom li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; l-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-siħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33 %.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonnhom, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod siħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjuna għall-iżvilupp, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 % - 0.20 % ta' ODA/ING għal LDCs fil-perjodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/ING għal LDCs fil-perjodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid - "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna" (Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2017, paragrafu 103)


L-UE hija kollettivament impenjata li tipprovd 0.7 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Sabiex ir-riżorsi jiġu mmirati lejn fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u fil-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE hija impenjata wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 – 0.20 % ta' ODA/ING għal-LDCs fil-perjodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/ING għal-LDCs fil-perjodu ta' żmien tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. (...) Huma ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

**Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (approvata mill-Assemblea Ġenerali fir-riżoluzzjoni
tagħha 69/313 tas-27 ta' Lulju 2015, paragrafi 51 u 52)**

(...) Il-fornituri tal-ODA jafferaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom b'rabta mal-ODA, inkluż l-impenji minn bosta pajjiżi żviluppati li jilħqu l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/ING u 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/ING lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna mħeġġa minn dawk il-ftit pajjiżi li laħqu jew qabżu l-impenji tagħhom għal 0.7 % ta' ODA/ING u l-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/ING lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nħeġġu lill-oħrajn kollha biex iżidu l-isforzi biex iżidu l-ODA tagħhom u biex jagħmlu sforzi konkreti addizzjonali lejn il-miri tal-ODA. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tafferma mill-ġdid l-impenji kollettivi tagħha li tikseb 0.7 % tal-mira ta' ODA/ING fil-qafas ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015, u tintrabat li tilħaq kollettivament il-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/ING lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fuq perjodu ta' żmien qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/ING lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fiż-żmien stabbilit tal-aġenda ta' wara l-2015. Aħna nħeġġu lill-fornituri tal-ODA jikkunsidraw li jistabbilixxu mira biex jipprovdu mill-inqas 0.20 % ta' ODA/ING lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li niffukaw l-iktar riżorsi aġevolanti fuq dawk bl-akbar ħtiġijiet u bl-inqas kapaċità li jimmobilizzaw riżorsi oħra. F'dan ir-rigward aħna ninnutaw bi tħassib kbir it-tnaqqis fis-sehem tal-ODA għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u nimpenjaw ruħna li nreġġgħu lura dan it-tnaqqis. Aħna mħeġġa minn dawk li qegħdin jallokaw mill-inqas 50 % tal-ODA tagħhom lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.


Figura 1 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mal-pajjiżi donaturi mhux fl-UE fl-2023



NB: Iċ-ċifri tal-2023 huma preliminari.

NB: Iċ-ċifri jingħataw f'ekwivalenti ta' għotjiet.


Figura 2 – ODA kollettiva tal-UE bħala % tal-ING mqabbla mad-donaturi tad-DAC li mhumiex fl-UE matul iż-żmien



NB: Għal kull sena, iċ-ċifri tal-kollektiva tal-UE f'din il-graff iqisu biss daww il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE f'dak iż-żmien, filwaqt li l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumiex fl-UE jgħid biss daww il-pajjiżi mhux membri tal-UE li kienu membri tad-DAC f'dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollektiva tal-UE tinkludi lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux mill-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li seħħ fl-1 ta' Frar 2020, u l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumiex fl-UE jinkludi r-Renju Unit mill-2020. Il-pajjiżi tal-G7 li mhumiex fl-UE (anke donaturi tad-DAC) jgħidwew ukoll individwalment.

NB: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2023 huma preliminari.

Figura 3 – Diskrepanza bejn il-livelli ta' ODA/ING tal-2023 u l-miri individwali maqbula tal-Istati Membri tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2022 sal-2023



NB: Il-kalkoli saru bl-użu tal-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2023 huma preliminari.

NB: Tibdiliet assoluti ta' 0.01 punti perċentwali jew aktar biss huma kkunsidrati bħala żieda jew tnaqqis. Din il-metodoloġija ġiet applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandha l-għan li tevita li varjazzjonijiet żgħir jitqiesu bħala żieda jew tnaqqis. L-Istati Membri li esperjenzaw żieda jew tnaqqis żgħir jidhru fost daww ikkunsidrati stabbli.

Tabella 1 – ODA kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE mill-2013 sal-2023

Member State	2013		2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		2021		2022		2023		Change 2022-2023	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	Volume in EUR Million	% of GNI
Austria	882	0.27	930	0.28	1,193	0.35	1,479	0.42	1,110	0.30	990	0.26	1,099	0.28	1,117	0.30	1,240	0.31	1,756	0.39	1,807	0.38	50.74	-0.0124
Belgium	1,732	0.45	1,844	0.46	1,717	0.42	2,080	0.50	1,948	0.45	1,959	0.43	1,943	0.41	2,056	0.48	2,212	0.43	2,526	0.45	2,613	0.44	86.97	-0.0145
Bulgaria	37	0.10	37	0.09	37	0.09	61	0.13	55	0.11	58	0.11	58	0.10	75	0.13	77	0.12	221	0.27	157	0.19	-64.08	-0.0838
Croatia	34	0.08	54	0.13	46	0.09	37	0.07	48	0.10	67	0.13	64	0.12	68	0.13	74	0.13	131	0.19	136	0.20	4.90	0.0079
Cyprus	15	0.10	14	0.09	16	0.09	–	–	–	–	21	0.12	18	0.09	13	0.06	17	0.07	13	0.05	17	0.07	3.57	0.0135
Czechia	159	0.11	160	0.11	179	0.12	235	0.14	270	0.15	259	0.13	276	0.13	262	0.13	310	0.13	1,000	0.38	730	0.24	-269.64	-0.1372
Denmark	2,205	0.85	2,264	0.86	2,313	0.85	2,142	0.75	2,172	0.74	2,195	0.72	2,281	0.72	2,327	0.72	2,470	0.71	2,635	0.67	2,851	0.74	215.93	0.0717
Estonia	23	0.13	28	0.14	31	0.15	39	0.19	38	0.16	41	0.16	43	0.16	44	0.17	51	0.16	191	0.54	101	0.28	-90.01	-0.2632
Finland	1,081	0.54	1,232	0.59	1,161	0.55	958	0.44	961	0.42	834	0.36	1,010	0.42	1,122	0.47	1,219	0.47	1,536	0.57	1,452	0.52	-83.93	-0.0495
France	8,540	0.41	8,005	0.37	8,149	0.37	8,701	0.38	10,052	0.43	10,283	0.43	10,908	0.44	12,394	0.53	13,112	0.51	15,228	0.56	14,266	0.50	-961.54	-0.0608
Germany	10,717	0.38	12,486	0.42	16,173	0.52	22,368	0.70	22,182	0.67	21,163	0.61	21,616	0.61	25,191	0.73	28,135	0.76	33,890	0.85	33,924	0.79	33.69	-0.0556
Greece	180	0.10	186	0.11	215	0.12	333	0.19	278	0.16	246	0.13	329	0.18	286	0.17	288	0.16	343	0.17	301	0.14	-41.90	-0.0294
Hungary	97	0.10	109	0.11	140	0.13	180	0.17	132	0.11	241	0.21	279	0.21	367	0.27	368	0.28	353	0.26	281	0.15	-71.60	-0.1106
Ireland	637	0.46	615	0.38	648	0.32	726	0.32	743	0.32	792	0.31	870	0.32	867	0.31	977	0.30	2,292	0.63	2,603	0.67	311.61	0.0382
Italy	2,584	0.17	3,022	0.19	3,609	0.22	4,601	0.27	5,197	0.30	4,397	0.25	3,941	0.22	3,728	0.22	5,146	0.29	6,319	0.33	5,561	0.27	-758.10	-0.0601
Latvia	18	0.08	19	0.08	21	0.09	27	0.11	28	0.11	29	0.10	31	0.10	36	0.12	40	0.12	137	0.36	132	0.33	-5.70	-0.0235
Lithuania	38	0.11	34	0.10	43	0.12	52	0.14	53	0.13	55	0.12	60	0.13	63	0.13	73	0.14	231	0.36	176	0.28	-54.99	-0.0764
Luxembourg	323	1.00	319	1.06	327	0.95	354	1.00	376	1.00	401	0.98	421	1.03	397	1.03	456	0.99	504	1.00	536	0.99	32.38	-0.0099
Malta	14	0.20	15	0.20	15	0.17	19	0.20	22	0.21	28	0.25	37	0.30	47	0.40	44	0.32	43	0.28	46	0.26	3.28	-0.0132
Netherlands	4,094	0.67	4,200	0.64	5,162	0.75	4,491	0.65	4,399	0.60	4,795	0.62	4,727	0.59	4,702	0.59	4,471	0.52	6,152	0.67	6,808	0.66	655.53	-0.0043
Poland	367	0.10	341	0.09	397	0.10	600	0.15	603	0.13	649	0.14	694	0.14	728	0.14	832	0.15	3,325	0.53	2,408	0.34	-916.54	-0.1937
Portugal	368	0.23	324	0.19	278	0.16	310	0.17	338	0.18	349	0.18	367	0.17	362	0.18	388	0.18	497	0.21	487	0.19	-10.28	-0.0242
Romania	101	0.07	161	0.11	143	0.09	184	0.11	195	0.11	211	0.11	227	0.10	271	0.13	353	0.15	392	0.14	505	0.16	113.41	0.0201
Slovak Republic	65	0.09	63	0.09	77	0.10	96	0.12	106	0.13	117	0.13	103	0.11	124	0.14	131	0.14	163	0.15	161	0.14	-2.03	-0.0188
Slovenia	46	0.13	46	0.12	57	0.15	74	0.19	67	0.16	71	0.16	78	0.17	80	0.17	98	0.19	160	0.29	151	0.24	-9.75	-0.0452
Spain	1,769	0.17	1,415	0.13	1,259	0.12	3,819	0.34	2,271	0.19	2,449	0.20	2,629	0.21	2,621	0.23	3,080	0.26	4,066	0.30	3,544	0.24	-521.24	-0.0588
Sweden	4,389	1.01	4,698	1.09	6,391	1.40	4,425	0.94	4,935	1.02	5,085	1.07	4,650	0.96	5,571	1.14	5,018	0.91	5,190	0.89	5,185	0.91	-5.43	0.0171
United Kingdom	13,461	0.70	14,519	0.70	16,725	0.70	16,325	0.70	16,051	0.70	16,435	0.70	17,300	0.70										
EU MS Aggregate	53,975	0.41	57,139	0.41	66,522	0.46	74,716	0.51	74,629	0.49	74,218	0.47	76,060	0.46	64,919	0.49	70,679	0.49	89,296	0.56	86,941	0.51	-2,355	-0.0522
EU Institutions' ODA not imputed to EU Member States and other donors	2,873		2,131		1,372		2,750		1,926		627		-829		2,418		894		3,982		8,998		5,015	
EU Collective	56,848	0.43	59,270	0.43	67,894	0.47	77,466	0.52	76,555	0.50	74,845	0.47	75,230	0.46	67,337	0.50	71,574	0.49	93,278	0.59	95,939	0.57	2,661	-0.0244

NB: Iċ-ċifri huma mogħtija fi flussi netti sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotġiet mill-2018. L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2023 huma preliminari.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu biss dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollettiva u l-Aggregat tal-UE jinkludu lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux mill-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

NB: Is-sinjali "-" jindika li ma għet irrappurtata l-ebda data tal-ODA mill-Istat Membru rispettiv għas-sena rispettiva.

Tabella 2: ODA Kollettiva tal-Istati Membri tal-UE u tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati bejn l-2020 u l-2022

Member State	2020		2021		2022	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI
Austria	268	0.07	279	0.07	293	0.07
Belgium	684	0.16	706	0.14	711	0.13
Bulgaria	16	0.03	14	0.02	12	0.01
Croatia	9	0.02	11	0.02	8	0.01
Cyprus	2	0.01	2	0.01	1	0.01
Czechia	54	0.03	59	0.03	57	0.02
Denmark	676	0.21	755	0.22	552	0.14
Estonia	8	0.03	9	0.03	6	0.02
Finland	334	0.14	409	0.16	304	0.11
France	3,349	0.14	3,287	0.13	3,331	0.12
Germany	4,997	0.15	5,145	0.14	4,846	0.12
Greece	42	0.03	49	0.03	39	0.02
Hungary	45	0.03	57	0.04	29	0.02
Ireland	339	0.12	359	0.11	386	0.11
Italy	938	0.06	1,422	0.08	966	0.05
Latvia	6	0.02	6	0.02	11	0.03
Lithuania	11	0.02	12	0.02	16	0.02
Luxembourg	183	0.48	209	0.45	231	0.46
Malta	1	0.01	2	0.02	1	0.01
Netherlands	983	0.12	789	0.09	1,092	0.12
Poland	114	0.02	130	0.02	103	0.02
Portugal	100	0.05	130	0.06	77	0.03
Romania	41	0.02	41	0.02	36	0.01
Slovak Republic	19	0.02	22	0.02	16	0.02
Slovenia	11	0.02	14	0.03	32	0.06
Spain	522	0.05	582	0.05	499	0.04
Sweden	1,726	0.35	1,778	0.32	1,656	0.28
EU MS Aggregate	15,476	0.12	16,279	0.11	15,313	0.10
EU Institutions' regional ODA known to benefit LDCs (not including UK share)	798		268		31	
EU Collective	16,274	0.12	16,547	0.11	15,344	0.10

NB: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. Għalhekk, ir-Renju Unit mhux inkluż minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

NB: Iċ-ċifri tal-Kollettiva tal-UE jinkludu l-ODA netta bilaterali tal-Istati Membri lil-LDCs, l-ODA multilaterali imputata lil-LDCs u l-ODA reġjonali magħrufa li tkun ta' benefiċċju għal-LDCs kif ukoll l-ODA reġjonali tal-Istituzzjonijiet tal-UE magħrufa li tkun ta' benefiċċju għal-LDCs (minbarra s-sehem tar-Renju Unit).